Il-Papa Franġisku jistieden lilna lkoll sabiex matul ix-xahar ta' Diċembru nitolbu biex il-persuni li huma involuti fit-tixrid tal-fidi jsibu fid-djalogu tagħhom mal-kultura l-lingwaġġ li jgħodd għall-kundizzjonijiet taż-żminijiet tal-lum.

Qari: Mill-Eżortazzjoni Apostolika, Evangelii Gaudium ta' Papa Franġisku *(20, 23, 24)*



Il-Kelma ta' Alla, turina l-ħin kollu kif Hu qiegħed dejjem jisfida lil dawk li jemmnu fih biex "imorru u jitilqu minn fejn qegħdin". Abraham laqa' s-sejħa biex jitlaq lejn art ġdida (Ġen 12:1-3). Mosè sema' s-sejħa ta' Alla: "Ejja, mela, ħa nibagħtek" (Eż 3:10). u Mosè mexxa lill-poplu lejn l-art imwiegħda (ara Eż 3:17). Lil Ġeremija ordnalu: "Inti tmur kull fejn nibagħtek" (Ġer 1:7). Il-kmand ta' Ġesù "morru u għamluhom dixxipli tiegħi", għadu jidwi anke llum, u jgħodd għas-sitwazzjonijiet tal-lum u għall-isfidi dejjem ġodda li l-Knisja tiltaqa' magħhom fil-missjoni tagħha ta' evanġelizzazzjoni. Għalhekk aħna lkoll imsejħa biex nieħdu sehem f'dan il-"ħruġ" missjunarju ġdid. Kull Nisrani u kull komunità jridu jiddixxernaw dwar liema hi l-mixja li l-Mulej qed jitlob minnhom. Ilkoll aħna msejħin biex nobdu s-sejħa tiegħu u biex ma nibqgħux nagħmlu biss dak li aħna komdi fih, anzi jrid ikollna l-kuraġġ biex immorru fil-periferiji kollha li għandhom bżonn id-dawl tal-Vanġelu. Hemm bżonn "...li kull wieħed minna jkun dixxiplu li jagħmel l-ewwel pass, li jinvolvi ruħu u joffri sapport biex b'hekk jagħmel il-frott u jxerred il-ferħ".

L-intimità tal-Knisja ma' Ġesù hi parti minn vjaġġ li nagħmlu flimkien, għax "li taqsam u timxi mal-oħrajn, u l-missjoni li tmur tevanġelizza, jimxu id f'id". Biex tibqa' fidila lejn l-eżempju tal-Imgħallem, hu essenzjali li llum il-Knisja toħroġ biex tħabbar il-Vanġelu lil kulħadd, kullimkien, f'kull okkażjoni, bla ma toqgħod taħsibha u bla biża'. Il-ferħ tal-Vanġelu hu għall-poplu kollu; ħadd m'għandu jitħalla barra. Hekk iħabbar l-anġlu lir-rgħajja ta' Betlehem: "Tibżgħux, għax araw, qiegħed inħabbrilkom ferħ kbir, ferħ li se jkun għall-poplu kollu" (Lq 2:10).

Mulej, inti l-Missier ta' kulħadd.
Inti ssejħilna biex inxerrdu l-ferħ tal-Vanġelu lil kulħadd.
U anke meta ma nilqgħux is-sejħa tiegħek,
jew meta nwarrbu minn ħdejk, jew meta niċħduk,
jew inkunu bierda, int tibqa' tistenniena.
Tibqa' tistenna l-"iva" tagħna,
għax int bħall-missier tal-parabbola tal-iben il-ħali,
tħalli dejjem il-bieb miftuħ u tibqa' tistenna li niġu lura,
tibqa' tistenna sakemm nagħmlu dak il-pass li jwassalna għal għandek.
Għax int Mulej ma trid tħalli lil ħadd barra;
tibqa' tistenna sakemm inkunu lesti li nirċievu l-ferħ tal-kelma tiegħek.
Għalhekk inti tixtieq li aħna lkoll, li aħna parti mill-Knisja tiegħek,
inkunu persuni li jkollna l-kuraġġ biex immorru fil-postijiet kollha,
anke dawk l-iżjed imbiegħda, u fejn għandhom bżonn id-dawl tal-Vanġelu.
Agħtina l-kuraġġ Mulej, sabiex nagħmlu l-ewwel pass,
biex ma nibżgħux ninvolvu ruħna.


email: talbmalpapa@gmail.com

Agħtina l-kuraġġ li nimxu u naqsmu ħajjitna mal-oħrajn,
li noffru sapport lil kull min għandu bżonn,
biex b'hekk inxerrdu l-Kelma tiegħek bl-azzjoni u mhux bil-kliem biss.
Għinna Mulej, ħalli, kif qal l-Isqof Grech, *(omelija Tas-Sliema 30-09-2018)*
inkunu lesti li nwieġbu għas-sejħa tiegħek billi ngħidulek "hawn jien",
u biex inkunu dejjem lesti biex nibqgħu noffru messaġġ ta' tama lil kulħadd.
Għinna Mulej sabiex, kif qal hu, ma nibagħtux messaġġ
li l-komunità Nisranija hi ffurmata biss
minn nies perfetti u biex ma naħsbux li aħna "perfetti",
għax inkella bil-mod kif naġixxu
nkunu qegħdin inkeċċu lil min aħna naħsbu li mhux "perfett".
Mill-banda l-oħra, illum Mulej mhux faċli li xxerred il-ferħ tal-Vanġelu,
għax il-kultura nbidlet ħafna.
Irid ikollok kuraġġ biex tiftaħ ħalqek u tkun xhieda tiegħek
f'xi ħanut jew fuq il-post tax-xogħol.
Mhux faċli li ssib il-kliem biex tolqot lil min ikun qed jisimgħek.
Għalhekk il-Papa Franġisku jridna nitolbu
biex il-persuni li huma involuti fit-tixrid tal-fidi
jsibu fid-djalogu tagħhom mal-kultura,
il-lingwaġġ li jgħodd għall-kundizzjonijiet taż-żminijiet tal-lum.
Mulej, inti qed tibgħat lil kull wieħed u waħda minna,
anke jekk forsi nħossuna xi ftit skomdi,
biex immorru nxerrdu l-ferħ tal-kelma tiegħek fil-periferiji...
fejn l-iktar hemm bżonn id-dawl tiegħek.
Agħtina l-kuraġġ Mulej, sabiex nippruvaw nifhmu l-lingwaġġ tad-dinja tal-lum,
ħalli n-nies iħossu li aħna qed nifmhuhom, li qed naraw il-bżonnijiet tagħhom,
u b'hekk inkunu nistgħu niddjalogaw magħhom,
u nxandrulhom il-bxara t-tajba.

**KANT**

Qari: Mill-Eżortazzjoni Appostolika, Evangelii Gaudium ta' Papa Franġisku.

Il-Knisja li "toħroġ" hi l-komunità ta' dixxipli li jieħdu inizjattiva, li jinvolvu ruħhom, li joffru sapport lill-oħrajn, li jagħmlu l-frott u jifirħu. Il-komunità li tevanġelizza tagħraf li kien il-Mulej li kien l-ewwel li ħa l-inizjattiva, kien hu li ħabbna l-ewwel (1 Ġw 4:10). u għalhekk aħna nistgħu nagħtu l-ewwel pass, nieħdu l-inizjattiva bil-kuraġġ kollu, u noħorġu niltaqgħu mal-oħrajn, infittxu lil min hu mbiegħed u nieqfu f'salib it-toroq biex nilqgħu lill-imwarrbin. Komunità bħal din ikollha xewqa kbira li turi ħniena, u dan ġej mill-fatt li hi stess daqet mill-esperjenza tal-qawwa bla tarf tal-ħniena infinita tal-Missier. Ejjew nippruvaw nagħmlu ħilitna biex nagħmlu l-ewwel pass u ninvolvu ruħna. Ġesù ħasel riġlejn id-dixxipli tiegħu. Il-Mulej jinvolvi ruħu hu u jinvolvi lil dawk li huma tiegħu, waqt li jinżel għarkupptejh biex jaħslilhom saqajhom. Imma dritt wara, hu jgħid lid-dixxipli tiegħu: "Jekk dawn il-ħwejjeġ tafuhom, henjin intom jekk tagħmluhom" (Ġw 13:17). Il-komunità li tevanġelizza tinvolvi

ruħha bil-kliem u bil-fatti fil-ħajja tan-nies ta' kuljum, tqassar id-distanzi u tersaq lejhom; jekk ikun hemm bżonn tkun lesta tbaxxi lilha nnifisha sal-punt tal-umiljazzjoni, u tħaddan il-ħajja umana, biex b'hekk tmiss il-ġisem ta' Kristu li jbati fil-poplu tiegħu. Għalhekk, l-evanġelizzaturi għandhom ir-"riħa tan-nagħaġ" u n-nagħaġ ikunu lesti li jisimgħu leħen l-evanġelizzaturi. Għalhekk, il-komunità li tevanġelizza toffri sapport u tieqaf man-nies matul it-triq anke jekk din it-triq tkun diffiċli jew tqila.

Mulej inti ma tridniex inkunu membri ta' komunità
li tingħalaq ġol-knisja, li ma taġġornax ruħha,
li ma tidħolx fil-ħajja ta' kuljum tal-oħrajn,
li ma turix bil-kliem u bil-fatti
l-imħabba kbira li int għandek għalina.
Għax, x'jiswa Mulej li ngħidu li aħna xhieda tiegħek,
u mbagħad nibżgħu nħammġu jdejna,
jew niddejqu li jkollna fuqna "r-riħa tan-nagħaġ"
għax ma nkunux irridu ngħixu fost "in-nagħaġ"?
Mulej, nitolbuk sabiex tagħtina l-kuraġġ
biex nagħżlu li ngħixu qalb in-nies,
qalb id-dwejjaq u l-qtigħ il-qalb tagħhom,
qalb id-diffikultajiet u l-inkwiet tagħhom.
Għinna biex ma niddejqux nagħmlu bħalek,
li ninżlu għarkupptejna biex naħslulhom saqajhom,
biex indewwulhom il-feriti
u biex naqsmu magħhom il-ferħ u d-dwejjaq,
it-tbatijiet u l-uġigħ li ġġib magħha l-ħajja li jkunu qed jgħixu.
Għinna, Mulej, biex ma niġġudikawx
meta nsibu ruħna wiċċ imb wiċċ ma' sitwazzjonijiet delikati.
Għallimna nimxu fuq il-passi ta' Ġesù
u nagħmlu bħalma kien jagħmel hu
quddiem min kien qed jgħix sitwazzjonijiet diffiċli jew fid-dnub,
bħal fil-każ ta' dik il-mara li ħaslitlu riġlejh bid-dmugħ tagħha,
fil-każ ta' Żakkew jew tal-mara l-midinba.
Għinna, Mulej, ħalli nħarsu lejhom bil-ħniena
u nilqgħuhom bl-imħabba kif kien jagħmel hu.
Agħtina l-kuraġġ biex, filwaqt li ma naqblux ma' ċerti sitwazzjonijiet,
lin-nies nibqgħu nisimgħuhom, ngħinuhom u nissapportjawhom
u, fuq kollox, nuruhom l-imħabba u nitolbu għalihom.
Għinna, Mulej biex, kif qal Papa Franġisku,
minħabba d-dgħufija tan-natura tagħna,
ma jkollniex "it-tentazzjoni li nkunu tip ta' Nsara
li nżommu distanza prudenti mill-pjagi tal-Mulej". *(Evangelii Gaudium, 270).*

**KANT**

**Nitolbu flimkien**

Nitolbuk Mulej sabiex tagħtina l-għajnuna ħalli nkunu xhieda tal-fidi tagħna u tal-imħabba tiegħek lejna. Għinna ħalli nkunu nistgħu nwasslu l-messaġġ tiegħek ta’ mħabba u ħniena ma’ kull min niltaqgħu miegħu fil-ħajja tagħna ta’ kuljum.

Nitolbu .... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk ukoll sabiex nifhmu li, bħala komunità nisranija, għandna nwieġbu għas-sejħa tiegħek biex inkunu preżenti fost il-foqra, l-emarġinati u dawk li m’għandhomx vuċi fis-soċjetà.

Nitolbu .... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej Ġesu′, nitolbuk sabiex meta niltaqgħu ma’ xi ħadd li jħossu mbiegħed mit-tagħlim tal-Knisja, aħna nippruvaw inkunu għalih xhieda tal-imħabba tiegħek bil-kliem u bil-mod kif inġibu ruħna miegħu.

Nitolbu .... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk Mulej sabiex aħna u nimxu fuq il-passi tiegħek, insibu fis-sejħa tagħna l-ferħ u s-serħan li jiġi mill-għaqda tagħna miegħek, biex b’hekk inkunu xhieda u dawl għall-oħrajn.

Nitolbu .... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk Mulej sabiex tagħtina l-għajnuna sabiex inwasslu l-Vanġelu bħala esperjenza tal-ħajja u b’lingwaġġ li jifhmuh in-nies ta’ żmienna.

Nitolbu .... Ismagħna nitolbuk Mulej.